Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President

8.9.2025

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-ħaddiema ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2025/001 BE/BelGaN – Il-Belġju (2025/0198(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Settembru 2025, il-kumitat iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Settembru 2025. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, l-opinjoni li tidher hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

Li Andersson

OPINJONI

A. Billi, fil-21 ta' Frar 2025, il-Belġju ppreżenta applikazzjoni biex jimmobilizza l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691 (ir-Regolament dwar il-FEG), wara s-sensji f'BelGaN BV (BelGaN) fil-Belġju, fis-settur ekonomiku kklassifikat fit-taqsima 26 tal-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi); billi s-sensji mogħtija minn BelGaN jinsabu fir-reġjun NUTS 2 tal-Provinċja ta' Flanders tal-Lvant (BE23).

B. Billi l-Belġju ppreżenta l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-inqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur (f'dan il-każ mill-31 ta' Lulju sat-30 ta' Novembru 2024) f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati ta' forniturи u produttur downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet; billi, wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati;

C. Billi l-applikazzjoni hija relatata ma' 417-il ħaddiem issensjat (benefiċjarji eliġibbli) li l-attività tagħhom waqfet fis-setturi ekonomiċi indikati hawn fuq;

D. Billi fis-26 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur il-Belġju biex tappoġġja r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema kollha ssensjati (417-il benefiċjarju fil-mira) lill-Parlament u lill-Kunsill;

E. Billi l-avveniment li wassal għal dawn is-sensji huwa l-falliment ta' BelGaN; billi BelGaN kienet ħadet f'idejha l-faċilitajiet tal-produzzjoni u tar-riċerka u żvilupp ta' Onsemi, manifattur ta' semikondutturi mill-Istati Uniti, f'Oudenaarde, bil-għan li tavvanza t-teknoloġiji taċ-ċipep tan-nitrur tal-gallju (GaN); billi l-GaN għandu potenzjal sinifikanti fl-industrija tas-semikondutturi, billi joffri titjib sostanzjali fil-prestazzjoni u fl-effiċjenza fuq iċ-ċipep tradizzjonali bbażati fuq is-siliċju; BelGaN, li tippromwovi lilha nnifisha bħala manifattur tas-semikondutturi ffokat fuq is-settur awtomobilistiku, fittxet b'mod attiv investituri ġodda biex imexxu t-tranżizzjoni tagħha intensiva fil-kapital minn manifattur ta' ċipep ibbażati fuq is-siliċju għal manifattur ta' ċipep ibbażati fuq in-nitrur tal-gallju; billi, madanakollu, il-prospettiva tal-GaN ma kinitx biżżejjed biex l-intrapriża tinżamm fil-wiċċ, u BelGaN qalgħet daqqa fl-2023, meta rreġistrat telf nett ta' EUR 8,3 miljun fuq EUR 55 miljun fi dħul, attribwit għaż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija, kimiċi u dawk lavorattivi; billi l-intrapriża ma setgħetx tiġbor investiment suffiċjenti, u finalment dan wassal għall-falliment tagħha; BelGaN waqqfet l-operazzjonijiet u ddikjarat falliment fit-30 ta' Lulju 2024, li rriżulta f'417-il sensja;

F. Billi fil-Belġju l-fallimenti ilhom jiżdiedu mill-2022; billi, fl-2024, aktar minn 11 000 intrapriża ddikjaraw falliment, li minnhom 57 % kienu fi Flanders, l-ogħla numru mill-2013; billi, b'riżultat ta' dan, intilfu 32 566 impjieg (59 % fi Flanders), 18,3 % aktar milli fl-2023; billi avvenimenti reċenti ta' ristrutturar bħalma huma s-sensji f'Van Hool, Sappy u Purmo, li għalihom il-Belġju applika għall-appoġġ mill-FEG, qed jaffettwaw

is-suq tax-xogħol Fjamming: l-opportunitajiet ta' impjieg fl-industrija naqsu;

G. Billi Oudenaarde huwa t-territorju l-aktar affettwat mis-sensji f'BelGaN; billi l-għadd ta' persuni qiegħda li qed ifittxu impjieg f'Oudenaarde żdied b'9 % sena wara sena f'Diċembru 2024; billi ż-żieda kienet partikolarment sinifikanti fost il-ħaddiema qiegħda b'livell għoli ta' ħiliet u b'livell medju ta' ħiliet (+13,5 % u +12,9 % rispettivament), filwaqt li fost dawk b'livell baxx ta' ħiliet kienet ta' 3 %; billi f'Oudenaarde, l-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti rrappurtati mill-impjegaturi lill-VDAB, is-servizz pubbliku Fjamming tal-impjiegi, naqas bi 17,7 % sena wara sena fl-2024; billi l-għadd ta' opportunitajiet ta' impjieg segwa l-istess xejra 'l isfel, billi naqas b'21,8 % fl-2024 meta mqabbel mal-2023, jew bi 32,4 % jekk jitqiesu biss l-impjiegi industrijali, li jindika suq tax-xogħol li qed jibred; billi, skont il-VDAB, il-kombinazzjoni ta' forza tax-xogħol li qed tixjieħ man-nuqqas ta' interess fl-STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika) fost iż-żgħażagħ tagħmilha diffiċli biex jiġu sostitwiti l-ħaddiema li qed jirtiraw f'impjiegi industrijali, ħaġa li tista' tinbidel f'vantaġġ għall-eks impjegati ta' BelGaN fit-tranżizzjoni tax-xogħol;

H. Billi l-falliment ta' BelGaN ma kienx mistenni; bi qbil mar-rappreżentanti tal-ħaddiema: il-Federazzjoni Ġenerali Belġjana tax-Xogħol (ABVV) u l-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Kristjani (ACV), il-VDAB (Is-Servizz Fjamming tal-Impjieg u t-Taħriġ Vokazzjonali) iddeċieda li jibda immedjatament jipprovdi l-miżuri lill-ħaddiema, pjuttost milli jistenna akkwiżizzjoni possibbli; billi, għalhekk, kienu possibbli biss preparazzjonijiet limitati; billi Thema Foundries issa kkonfermaw li se jokkupaw is-sit preċedenti ta' BelGaN sabiex jistabbilixxu ċentru ta' ċipep fotoniċi ġdid fil-Flanders; billi dan jaf joffri opportunitajiet ġodda ta' impjieg għall-ex ħaddiema ta' BelGaN li ngħataw is-sensja s-sena l-oħra u li se jkunu bbenefikaw mill-appoġġ tal-FEG;

I. Billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024;

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-objettiv tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-benefiċjarji, u li jagħtihom appoġġ; iqis li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati bil-għan li l-benefiċjarji jintegraw mill-ġdid u malajr f'impjieg deċenti u sostenibbli fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu; jisħaq fuq l-importanza li l-ħaddiema jitħejjew u jingħataw appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropej, tranżizzjonijiet li huma meħtieġa b'mod urġenti; itenni, f'dan il-kuntest, ir-rwol importanti li għandha l-Unjoni, inkluż permezz tal-FEG, fil-kontribut għall-finanzjament tal-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-

Regolament tal-FEG huma ssodisfati u li l-Belġju huwa intitolat għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 931 690 skont dak ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 85 % tal-ispiża totali ta' EUR 1 096 107, liema spiża tinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 1 052 607 u n-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar ta' EUR 43 500;

3. Jinnota li l-Belġju rrapporta li l-liġi nazzjonali tax-xogħol dwar il-ġestjoni attiva tar-ristrutturar tirrikjedi li l-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jistabbilixxu unità tal-impjiegi, li l-iskop tagħha huwa li tipprovdi lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja, fil-kuntest ta' sensji kollettivi, bi 30 siegħa ta' servizzi ta' rikollokament f'perjodu ta' tliet xhur (60 siegħa f'6 xhur għall-ħaddiema li għandhom aktar minn 45 sena); billi, madanakollu, peress li dan l-obbligu legali ma japplikax fil-każ ta' falliment, il-VDAB għamel is-servizzi ta' rikollokament disponibbli għall-ħaddiema bir-riżorsi tiegħu stess;

4. Jisħaq li l-Belġju kkonferma li l-miżuri appoġġjati mill-FEG mhuma se jirċievu l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;

5. Jinnota li l-pakkett ikkoordinat personalizzat li għandu jiġi pprovdut lill-ħaddiema ssensjati jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin: (a) sessjonijiet ta' informazzjoni, (b) servizzi ta' rikollokament (valutazzjoni tal-ħiliet diġitali, assistenza għat-tiftix ta' impjieg, jew assistenza lejn impjieg indipendenti, eċċ.), (c) taħriġ u taħriġ mill-ġdid, (d) taħriġ fuq il-post tax-xogħol, (e) fiera tal-impjiegi, (f) għajnuna għat-tiftix ta' impjieg, u (g) tiftix ta' impjieg u tqabbil tal-impjiegi;

6. Jisħaq b'mod partikolari fuq l-importanza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li l-pakkett ikkoordinat jantiċipa l-perspettivi tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa fil-futur, li jkunu kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli u jiffukaw b'mod partikolari fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali; jilqa' l-fatt li t-taħriġ fl-ICT tal-pakkett u l-appoġġ addizzjonali previst fis-servizzi ta' rikollokament jinkludu ħiliet ta' dan it-tip, b'mod partikolari valutazzjoni tal-ħiliet diġitali u miżuri li jagħtu lok lill-ħaddiema li jissellfu laptop, jirċievu taħriġ dwar kif jużawh u jiksbu tweġibiet għall-mistoqsijiet diġitali tagħhom;

7. Ifakkar fil-possibbiltà ta' miżuri speċjali limitati fiż-żmien fil-pakkett ikkoordinat, inkluż, fost l-oħrajn, li jitħallsu l-allowances għall-indukrar tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti.